

Brussell, 5 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0165(COD)

10126/23
ADD 3

TRANS 221
MAR 80
OMI 47
CODEC 1016
IA 132
ILO 6

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Ġunju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2023) 149 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĪDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/16/KE dwar il-Kontroll mill-Istat tal-port

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument SWD(2023) 149 final.

Mehmuż: SWD(2023) 149 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.6.2023
SWD(2023) 149 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

li temenda d-Direttiva 2009/16/KE dwar il-Kontroll mill-Istat tal-port

{COM(2023) 271 final} - {SEC(2023) 202 final} - {SWD(2023) 148 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt dwar Proposta għal Reviżjoni tad-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll mill-Istat tal-Port
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?
<p>Id-Direttiva 2009/16/KE tistabbilixxi r-reġim tal-UE għall-kontroll mill-Istat tal-port (PSC), sistema ta' spezzjoni ta' vapuri li jtajru bandiera barranija minn spetturi fil-portijiet tagħhom, bl-iskop li jiġi vverifikat li l-kompetenza tal-ekwipaġġ abbord u l-kundizzjoni tal-vapur u tat-tagħmir tiegħu jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-konvenzjonijiet internazzjonali dwar is-sikurezza tal-ħajja fuq il-baħar u dwar il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar. Id-Direttiva hija bbażata fuq l-istruttura intergovernattiva volontarja preeżistenti tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi (MtQ ta' Pariġi).</p> <p>FI-2018, id-Direttiva ġiet soġġetta għal evalwazzjoni <i>ex post</i> u Kontroll tal-Idoneità Marittima (flimkien ma' atti leġiżlattivi oħra tal-UE). Numru partikolari ta' kwistjonijiet ġew identifikati bħala problematiċi: (1) ir-rekwiżiti kurrenti tal-UE ma humiex allinjati mar-regoli/mal-proċeduri obbligatorji internazzjonali ġodda (l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali – I-OMI, u l-MtQ ta' Pariġi); (2) ir-rekwiżiti kurrenti tal-UE ma japplikawx għall-bastimenti tas-sajd (3) distribuzzjoni żbilanċjata tal-ispezzjonijiet tal-UE; (4) il-mekkaniżmu użat biex jintgħażlu l-vapuri għall-ispezzjoni huwa antikwat; (5) dipendenza żejda fuq ċertifikati stampati fuq il-karta u (6) proċeduri u riżorsi inadegwati u inflessibbli.</p> <p>Jekk l-UE ma tiñx azzjoni, l-Istati Membri jaħdmu b'mod mhux ikkoordinat u mhux armonizzat.</p>
X'għandu jinkiseb?
Din l-inizjattiva tfittex li tiżgura u ttejjeb il-livell għoli ta' sikurezza marittima u ta' protezzjoni mit-tniġġis fl-Unjoni kollha.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
It-tbaħħir bħala negozju internazzjonali jopera b'mod irregolat fil-livell globali, kif ukoll fil-livelli reġjonali u nazzjonali, u min-natura tiegħu għandu dimensjoni transfruntiera b'saħħitha.
B. Soluzzjonijiet
X'inhuma l-għażliet differenti biex jinkisbu l-oġettivi? Hemm għażla ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?
Ġew żviluppati tliet għażliet ta' politika (PO - Policy Options). L-għażla ppreferuta hija l-għażla ta' politika B (PO B). Din l-għażla tipprevedi l-iżvilupp ta' reġim volontarju tal-PSC għall-bastimenti tas-sajd kbar flimkien mal-MtQ ta' Pariġi. Tiegħeġ ukoll l-adozzjoni u l-użu ta' ċertifikati statutorji elettroniċi. Il-PO B tipproponi soluzzjonijiet leġiżlattivi għal problemi relatati mal-ispezzjoni u mal-validazzjoni.
X'inhuma l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?
Il-PO B hija appoġġata mill-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-PSC peress li se tippermetti l-iżvilupp ta' reġim tal-PSC għall-bastimenti tas-sajd analogu għal dak li seħħ bl-MtQ ta' Pariġi. L-industrija tas-sajd iġenerali hija favur l-infurzar tal-istandards tas-sikurezza iżda tippreferi li kieku l-Istati Membri tal-UE jirratifikaw il-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti.
C. Impatti tal-għażla ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
<p>L-impatti soċjetali huma prinċipalment iġvalutati f'termini tal-impatti tal-għażliet ta' politika fuq is-sikurezza marittima matul il-perjodu 2025-2050 f'termini ta' ħajjiet salvati, korrimenti evitati u protezzjoni ambjentali. L-għażla ppreferuta hija pproġettata li tirriżulta f'sitt ħajjiet salvati u 61 korriment evitati, filwaqt li jiġu ffrankati madwar EUR 35 miljun u jiġi evitat li jintilfu 75 tunnellata ta' fjuwil tal-bastimenti fuq il-baħar. Madankollu, ta' min wieħed jinnota li billi l-impatti tal-PSC huma indiretti, permezz tal-ispezzjonijiet u s-segwitu tagħhom, hemm inċertezza kbira rigward l-istimi.</p> <p>Għall-awtoritajiet tal-PSC, huwa mistenni li l-għażla ta' politika ppreferuta tirriżulta fi ffrankar tal-kostijiet tal-infurzar ta' EUR 8,4 miljun, espress bħala valur preżenti matul l-2025-2050, minħabba miżuri li jhegħgu l-adozzjoni u l-użu ta' ċertifikati statutorji elettroniċi.</p> <p>Għall-operaturi tal-vapuri, huwa stmat li l-għażla ta' politika ppreferuta tirriżulta fi ffrankar tal-kostijiet</p>

amministrattivi ta' EUR 5,5 miljun. L-iffrankar tal-kostijiet amministrattivi jirriżulta mill-abolizzjoni tal-obbligu ta' rappurtar bil-quddiem ta' 72 siegħa għall-operatur, għall-aġent jew għall-kaptan ta' vapur eliġibbli għal spezzjoni estiża.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Il-kostijiet addizzjonali se jiġġarrbu prinċipalment mill-**awtoritajiet tal-PSC**, u huwa stmat li dawn se jkunu EUR 17,9-il miljun bħala valur preżenti matul l-2025-2050. Madankollu, meta jitqies l-iffrankar tal-kostijiet tal-infurzar, huwa stmat li l-kostijiet netti se jkunu EUR 9,5 miljun. Se jkun hemm ukoll kostijiet ta' aġġustament għall-**awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera** għall-introduzzjoni ta' ċertifikati elettroniċi. Dawn jammontaw għal EUR 0,22 miljun fis-sena għall-awtoritajiet kollha tal-Istat tal-bandiera flimkien. Barra minn hekk, fl-2025 huwa mistenni li l-kostijiet ta' investiment ta' darba se jkunu EUR 1 miljun. Huwa stmat li l-kostijiet totali għall-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera se jkunu EUR 4,8 miljun.

Fir-rigward tal-**EMSA**, huwa stmat li l-kostijiet ta' aġġustament għall-għażla ta' politika ppreferuta se jkunu EUR 6,5 miljun. L-għażla ta' politika ppreferuta tirriżulta f'żieda ta' EUR 0,7 miljun fil-kostijiet tal-infurzar għall-**operaturi tal-vapuri** li huma kkompensati żżejjed minn iffrankar ta' EUR 4,8 miljun fil-kostijiet amministrattivi.

X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u l-kompetittività?

L-estensjoni proposta tad-Direttiva għall-bastimenti tas-sajd kbar fl-għażla ta' politika ppreferuta hija "rilevanti" għall-SMEs. Huwa stmat li l-kostijiet addizzjonali tal-infurzar għall-operaturi tal-bastimenti tas-sajd se jkunu EUR 0,03 miljun fl-2030 u EUR 0,05 miljun fl-2050 iżda se jkollhom impatti pożittivi f'termini ta' sikurezza għall-operaturi tal-bastimenti tas-sajd.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Minbarra l-kostijiet netti għall-awtoritajiet tal-PSC, li fl-għażla ta' politika ppreferuta huwa stmat li se jkunu EUR 9,5 miljun meta mqabbla mal-linja bażi, se jkun hemm EUR 4,8 miljun ta' kostijiet ta' aġġustament għall-Istati tal-bandiera għaċ-ċertifikati elettroniċi.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħrajn?

Peress li l-istess livell għoli ta' sikurezza se jiġi ppreservat fl-Unjoni kollha, se jkun hemm impatt pożittiv fuq is-suq intern u fuq il-kompetittività

Proporzjonalità

L-għażla politika ppreferuta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi ġenerali tal-politika.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Il-politika se tiġi rieżaminata filwaqt li jitħalla perjodu ta' żmien adegwat wara l-adozzjoni tal-proposta biex il-miżuri jkunu effettivi u biex jiġu ġenerati xi impatti. Il-Kummissjoni/l-EMSA se jivverifikaw li l-ispezzjonijiet ikunu qed jitwettqu kif meħtieġ u li r-rapporti jittellgħu fil-bażi tad-*data*. L-EMSA se tkompli twettaq żjarat għand l-Istati Membri u dawn għandhom iwasslu għal analiżijiet orizzontali.